Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 21411111 Fax No. 21411414

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali H'Attard

## Laqgħa Nru. 12/2016

Data: 16 ta' Marzu 2016

Hin: 5.30 ta' filghaxija

Post: Sala tal-Bini tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | ***Stefan Cordina*** | *Sindku* |
| | ***Mark Anthony Spiteri*** | *Viċi Sindku* |
| | ***Marisa Abela*** | *Kunsillier* |
| | ***Raymond Azzopardi*** | *Kunsillier* |
| | ***Ralph Cassar*** | *Kunsillier* |
| | ***John Debono*** | *Kunsillier* |
| | ***Alex Mangion*** | *Kunsillier* |
| | ***Connie Scerri*** | *Kunsillier* |
| | ***Alfred Zammit*** | *Kunsillier* |
| | ***Marica Mifsud*** | *Segretarju Eżekuttiv* |

Skużati:
Assenti:

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti Mqajma mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Approvazzjoni tal-Pagamenti Marzu;
5. Approvazzjoni ta' Budget 2016;
6. Ftuh ta' Tenders
7. Affarijiet Ohra
8. Aġġornament.

## Minuti - 12/2016

Kulhadd kien prezenti u fil-hin ghall-bidu tal-laqgha barra s-Sur Ralph Cassar li wasal ftit tard.

# 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Approvati

# 2. Punti mqajma mill-Minuti

**2.1** Ma kienx hemm punti mqajma.

# 3. Korrispondenza

**3.1** Dr. Kenneth Grixti fuq zriegh ta' sigar fi Triq Tursin ir-Rih. Peress li l-Kunsill ghandu pjanat li jsiru l-parking bays minhabba li trid tigi rrangata bicca splay fl-istess triq ikun prudenti li jigi nfurmat hekk kif ikun sa jsir ix-xoghol li s-sigar iridu jitnehhew minhabba li biex isiru kif suppost trid issir bankina t-tul kollu u l-Kunsill prezentament m'ghandux finanzi.

**3.2** E-mail minghand AOST rigward Training sabiex wiehed igib il-licenzja tal-bahar. Din it-talba giet milqugha.

**3.3** E-mail minghand LGD rigward progett European Youth Event li ghalih gie maghzul is-Sur Alex Mangion. Marbuta ma' din is-safra hemm spiza ta' €270. Il-Kunsill approva din l-ispiza.

**3.4** E-mail minghand is-Sur Edward Midolo li kien prezenti ghall-laqgha u thalla jitkellem sabiex issir bankina fi Triq il-Kappella tal-Mirakli. Il-Kunsill ghalissa qabel li ssir estensjoni tal-linji sofor, minhabba li l-Kunsill ikun f'pozizzjoni ahjar jekk l-ewwel titlesta l-binja ta' 'The Peak'.

**3.5** E-mail minghand David Soler li fiha hemm elenkati l-ispejjez tal-Kumitat Kongunt marbuta ma' awditjar li huma € 600, €1062 u €390. Dawn l-ispejjez gew approvati.

Kwotazzjoni ghall-zewg solar signs godda minghand Smart Light Systems. Wahda 'Reduce Speed Sign' tiswa €415.22 li qed jigi propost li titwahhal fi Triq Victor Vassallo u l-ohra 'Chevron' tiswa € 775.26. Dawn il-kwotazzjonijiet gew accettati bil-kundizzjoni li x-xoghol ma jsirx f'daqqa u jkun hemm zmien stipulat biex isir.

**3.6** Ittra minghand is-Socjeta' Muzikali La Stella Levantina rigward sehem f'attivita' li sa tittella' ghall-ewwel darba fil-Gimgha l-Kbira. Is-sehem tal-Kunsill f'din l-attivita' hu mportanti sabiex il-Kunsill jippromwovi l-kultura fir-rahal. L-ispiza totali tal-attivita' tlahhaq l-€400. Galadarba l-Kunsill ha jiehu sehem bi shab l-ispejjez se jinqasmu u l-Kunsill johrog €200.

Is-Sur Ralph Cassar dahal f'dan il-mument.

## 4. Approvazzjoni ta' Pagamenti Marzu 2016

**4.1** Approvati bla nterventi.

## 5. Approvazzjoni ta' Budget 2016

**5.1** Dan l-item gie maqbuz wara li ghall-Laqgha Pubblika ma gie hadd u se tigi prezentata l-verzjoni full fil-laqgha li jmiss.

## 6. Ftuh ta' Tenders

**6.1** Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat lill-Kunsill li hekk kif mitihem it-tenders hargu b'mod tradizzjonali u d-Dipartiment gie nfurmat b'dan. Il-proceduri gew esegwiti kollha kif suppost inkluz dawk tal-GPP. Minn Settembru li gej it-tenders li jmiss johorgu jridu jinhargu fuq is-sistema e-tenders u l-Kunsill kif ga maqbul se johrog sejha ghall-ghajnuna teknika. Is-Sur Alfred Zammit saqsa liema tenders hergin u s-Segretrju nfurmatu li dawn huma: Urban Greening Project fil-lokalita' u Knis. It-Tenders jaghlqu u jinfethu fit-22 t'April 2016.

## 7. Affarijiet Ohra

**7.1** Stefan Cordina ressaq dawn il-punti:

- Kellu laqgha mas-Sur Ray Zammit tal-LESA u fost affarijiet ohra gie miftiehem li ghandha tintbaghat ittra bil-kwistjonijiet pendenti, kif ukoll saru xi rapporti sabiex ma jintbaghtux Gwardjani f'zoni bi problemi ta' parkegg.
- Nforma lill-Kunsill li Gnien l-Istazzjon gie maghluq sakemm jigi disinfettat minhabba kaz ta' *ringworm*.
- Lost and Found – saret laqgha mal-entitajiet u gie miftiehem post fejn ha jarmaw il-bejjiegha fl-area tan-Numero Uno. Is-

Sur Cordina tenna li ghandu jinzamm dak miftiehem u li l-permessi jinhargu biss tlett ijiem qabel u li jkunu fuq *first come first served.* Barra minn hekk hu kompla jghid li l-Ministeru hareg xi permessi fejn il-Malta Enterprise giet maqbuza, kif ukoll li l-permessi inhargu b'tali mod li xi nies ikunu privileggjati. Hu ssuggerixxa li l-permessi ghandhom jindikaw in-numru tal-kaxxa u l-post. Is-Sur Zammit ma qabilx li ghandhom jigu bil-kaxxa mmarkata. Id-diskussjoni tkompli fil-laqgha li jmiss.

**7.2** Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Talab li jitnehhew il-karti minn mal-antiporta u minflokk l-irhama ssir Bord barra. Kulhadd qabel.
- Rega' talab biex tittiehed azzjoni fuq il-hajt ta' Wied Irmiedi. Is-Sur Borg ha jigi nfurmat b'dan.

**7.3** Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti:

- Irringrazzja lis-Socjeta' Muzikali fejn sar il-Kuncert Duo Con Amore nhar l-1 ta' Marzu minhabba li dan il-kuncert kien tajjeb hafna. Ringrazzjamenti jmorru wkoll ghas-Sur Paul Azzopardi li offra l-palk u s-Sur Charles Camilleri. Hu talab biss li wara li l-Kunsill tella' dan il-kuncert u mghataw xi refreshments lill-dawk prezenti, il-Kunsill japprova l-ispiza li ma teccedix il-€100. Kulhadd qabel.
- Annessa lista ta' xogholijiet fuq il-gonna li hu ghamel mas-Sinjura Connie Scerri.
- Fakkar fuq il-Bring-in Site sabiex tigi nstallata l-camera sponsorjata minn Greempak.
- Qal li sar il-gbir ta' hwejjeg hdejn l-iskola nhar is-Sibt, 12 ta' Marzu u bhas-soltu kien success. Gibed l-attenzjoni wkoll li se jsir Bin Permanenti ghall-hwejjeg hdejn l-iskola u li ghandna nircievu dwaru.
- Qali li l-Fikus ta' go Gnien il-Kunsill jistghu jinzerghu fi Triq l-Imdina quddiem Monte Carmeli.

**7.4** Is-Sinjura Marisa Abela ressqet dawn il-punti:

- Fakkret fuq it-talks tal-Health and Safety.

**7.5** Is-Sinjura Connie Scerri ressqet dawn il-punti:

- Saqsiet meta hiereg il-fuljett li jmiss. Awwissu.
- Talbet biex issir overview tal-maratona tal-atletika online.
- Issemma x-xirjiet li qed joffri l-Gvern u saqsiet kif ha tkun l-iskema. Peress li l-Kunsill ghadu mhux infurmat ma jistax jiehu pozizzjoni.

## 8. Aġġornament.

**8.1** Il-laqgħa ġiet aġġornata għad-19 t'April fil-5.30pm

**IFFIRMATA**

***Stefan Cordina***
*Sindku*

**IFFIRMATA**

***Marica Mifsud***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: 19t'April 2016